MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1387/2004

**Blokrete Limited**

**Vs**

**Emanuel Galea**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm592 (hames mija u tnejn u disghin lira Maltin) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta’ tee beams, roof blocks u blocks mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu stess.

Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluza Ittra Legali datata 10 ta’ Lulju 2003, il-konvenut baqa’ nadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mis-17 t’April, 2000 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Joseph Fenech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------